MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2012

Numru 872/2012

Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia)

vs

Renald Barbara

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 129981M, akkuzat talli:

1) fit-8 t`Awissu 2012, ghall-habta ta` bejn it-tmienja u kwart ta` filghodu u d-disgha u nofs ta` filghaxija minn Triq Bordin Pieta` , ikkommetta serq ta` vettura Skoda Favorit, numru ta` registrazzjoni BAJ-096, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` u ghoxrin Ewro u seba` u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-

detriment ta` Martin Mercieca u Francesco Mercieca u/jew ta` persuna/i ohra;

2) matul xi gurnata ta` bejn nofs ix-xahar ta` Lulju 2012 u it-22 t`Awissu 2012 minn Misrah il-Papa Benedittu IV l-Isla, kkommetta serq ta` vettura Peugeot 106 , numru ta` registrazzjoni DBE-025, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` u ghoxrin Euro u seba` w tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta` Maria Seisun u/jew ta` persuna/i ohra;

3) f`xi gurnata ta` bejn it-8 t`Awissu 2012 u is-16 t`Awissu 2012 minn go Triq Maria Addolorata Paola, ikkommetta serq ta` vettura Seat Ibiza, numru ta` registrazzjoni AAQ-927, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` u ghoxrin Ewro u seba` u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta` Junior Troy Marvin u/jew ta` persuna/i ohra;

4) fil-lejl ta` bejn il-21 u it-22 t`Awissu 2012 minn go Triq il-Bankiera Qormi, ikkommetta serq ta` vettura Fiat Bravo, numru ta` registrazzjoni LAU 502, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` u ghoxrin Ewro u seba` u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta` Antonio Grima u/jew ta` persuna/i ohra;

5) fix-xhur ta` bejn Gunju 2012 u Awissu 2012 minn diversi lokalitajiet f`dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta` vetturi ohra, Seat Terra , numru ta` registrazzjoni BBF-612, Skoda Favorit numru ta` registrazzjoni mhux maghruf, Tata Safari numru ta` registrazzjoni mhux maghruf, u Van Piaggio numru ta` registrazzjoni mhux maghruf, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Ewro u seba` u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta` persuni mhux maghrufa;

6) sar recediv ai termini ta` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, b`sentenzi moghtija mill-

Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Semghet lill-imputat mal-presentata jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu hin li jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Apparti r-recidiva l-imputat hu akkuzat b'serq ta' diversi vetturi, precizament fin-numru ta' seba', li permezz ta' tow-truck tieghu, l-imputat gabar minn diversi inhawi ttrasportahom l'hemm bih. Is-serq f'kull cirkostanza hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u f'cirkostanza wahda bil-hin. Jirrizulta li dan is-serq sar bejn Gunju u Awissu 2012 b'dan li ghandu jitqies fit-termini ta' reat kontinwat. Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat l-Qorti ssib u tiddikjara l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f)(g), 264(1), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(2), 31, 49, 50 u 18. Tikkundannah disa' xhur prigunerija u tordna l-konfiska tat-truck.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------